# LECTIO DIVINA

# It- Tmienja u Għoxrin Ħadd

# Matul is-Sena (Sena B)

**Mk 10, 17-30**

**v.17-18 - Kien se jaqbad it-triq, meta mar fuqu wieħed jgħaġġel, niżel għarkubbtejh quddiemu u qallu: "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" 18"Għaliex qiegħed issejjaħli 'tajjeb'?" qallu Ġesù,"ħadd ma hu tajjeb ħlief Alla biss.**

... *it-triq* lejn Ġerusalemm: tema ewlenija ta' dan il-vjaġġ ta' dixxipulat hija t-tħabbir minn Ġesù tat-triq tiegħu lejn il-qawmien u l-parteċipazzjoni mill-ħajja eterna ta' Alla. Din il-missjoni jaqsamha mad-dixxipli tiegħu f'dan il-vjaġġ.

Il-ġesti ta' dak l-għani juru l-ħerqa qawwija ta' kemm il-mistoqsija li jagħmel lil Ġesù – *x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?*– hija għal qalbu, hija assoluta, irid tweġiba għaliha mingħand Ġesù, li hu jqisu bħala Mgħallem tajjeb ... u jridha malajr.

Il-ħerqa u l-fatt li jqis lil Ġesù mgħallem tajjeb tagħti lill-Knisja ta' Mark u lilna faċċata oħra tal-identità ta' Ġesù.

La sejjaħlu "mgħallem tajjeb", il-għani jistenna t-tweġiba t-tajba. Imma Mark iqiegħed it-tweġiba fuq fomm Ġesù biex jindirizza aktar lill-Knisja tiegħu: Għaliex issejjaħli tajjeb? – Il-għani u l-Knisja jwieġbu: "Għax int!" Ġesù jkompli: "Ħadd m'hu tajjeb ħlief Alla waħdu!" ... U l-Knisja ta' Mark, u aħna, nwieġbu: "Għalhekk insejħulek "tajjeb", għax int Alla wkoll, barra li mgħallem!" "It-tweġiba tiegħek se tkun tajba ta' Mgħallem tajjeb, u ta' Alla, li int".

Il-mifluġ irid assolutament jasal għand Ġesù (2,3-4); il-ġenituri jridu assolutament jieħdu t-tfal għand Ġesù biex imisshom (10,14) ... u dan l-għani jrid assolutament tweġiba mingħand Ġesù dwar il-ħajja ta' dejjem! Imma hawn m'hix l-aktar ħerqa għal tweġiba dwar mistoqsija teorika (kienu jagħmluha spiss l-istudenti lir-rabbini tagħhom) imma konvinzjoni dwar l-identità ta' Ġesù. Allura hija tweġiba li qiegħed ifittex dwar il-komunjoni ma' Alla kif jagħtiha Ġesù, dan l-Imgħallem tajjeb, f'komunjoni perfetta ma' Alla. Il-Knisja mbagħad tistenna

tweġiba mingħand dan l-Imgħallem li hu l-Iben ta' Alla nnifsu. Kemm dik tal-għani, u kemm dik tal-Knisja huma konvinzjoni bbażata fuq relazzjoni qawwija u personali ma' Ġesù.

Ir-relazzjoni personali ta' Ġesù ma' Alla juriha billi jwieġeb lill-għani u lill-Knisja li tista' tinkiseb id-dispożizzjoni għall-istess relazzjoni fil-ħarsien normali ta' dik li hi l-espressjoni konkreta tar-rieda ta' Alla: il-kmandamenti, li ta Alla meta twettaq il-Patt tas-Sinaj. Imma ninnutaw li Ġesù jikkwota l-kmandamenti li għandhom x'jaqsmu mar-relazzjoni ma' l-oħrajn biss. Mill-komunjoni mal-oħrajn, wieħed jikseb dispożizzjoni għal relazzjoni ma' Ġesù, u minnu għal relazzjoni ma' Alla.

**v.21 - Mbagħad Ġesù xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba u qallu: "Ħaġa waħda tonqsok: mur bigħ li għandek, agħtih lill-fqar, u jkollok teżor fis-sema; mbagħad ejja u imxi warajja."**

Jekk mat-tfal (jew dixxipli), Ġesù ġab ruħu b'delikatezza straordinarja, delikatezza li fi Ġwanni tintwera mad-dixxiplu li kien iħobb (19,26; 21,7.20), lil dan l-għani, Ġesù wkoll ġab ruħu miegħu hekk għax kien wera sa minn żgħożitu relazzjoni personali ma' Alla fil-ħarsien tal-kmandamenti. "Ħabbu fil-ħarsa sfiqa li biha ħares lejh". Lil dan l-għani tajjeb, Ġesù tefa' fuqu ħarstu u qalbu!

Jekk naqraw il-Bibbja b'mod kanoniku –bħala ktieb wieħed– u allura naraw lit-tfal bħala mudelli tad-dixxipli, u lid-dixxiplu l-Maħbub bħala mudell ta' kull dixxiplu, skont kif ħares lejhom Ġesù, allura f'dan l-għani Ġesù ra wkoll mudell ieħor. Min iħares il-kmandamenti jkun tassew dixxiplu li jikseb is-Saltna.

Jekk bil-mod kif kien qiegħed igħix, kien dispost biex jikseb is-Saltna ta' Alla, x'kien jonqsu? L-affermazzjoni li ħaġa waħda jonqsu –jiġifieri l-unika waħda– hija indirizzata lejn l-aħħar żewġ kmandi ta' Ġesù: "Ejja; imxi warajja". L-unika ħaġa li tonqsu dan l-għani u li tiftaħlu t-triq lejn il-ħajja eterna hija li jkun dixxiplu ta' Ġesù, il-komunjoni sħiħa miegħu. Dan l-għani kien jeħtieġlu jillibera lilu nnifsu għal dik il-komunjoni, minħabba f'dik il-komunjoni ma' Ġesù.

Din il-ħtieġa Ġesù kien qegħdha quddiem l-ewwel appostli (1,17.19; 2,14), jerġa' jtenniha bħala ħtieġa assoluta u bħala wegħda fil-vv.23-30 f'dan il-kuntest tal-għani, u kien diġà semmieha bħala għażla lill-poplu biex ikun jista' jikseb il-ħajja eterna: "X'jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha, u mbagħad jitlef ruħu" (8,34-38).

Il-komunjoni miegħu, li Ġesù nnifsu jippreżentaha bħala aqwa minn kull ħaġa oħra, u li għandha titħares akkost ta' kollox, hija t-triq li twassal għall-ħajja ta' dejjem ma' Alla.

Dan ra f'Ġesù l-għani; għalhekk riedha mingħandu t-tweġiba għat-tfittxija tiegħu; dan ukoll – ħajtu u r-relazzjoni assoluta tiegħu nnifsu ma' Alla– qiegħed bħala l-isfida bla kompromessi tiegħu lil min ried ikun dixxiplu tiegħu Ġesù, biex b'hekk jiret is-Saltna!

*Ikollok teżor fis-sema* – ma jfissirx li dak li ħallejt hawn fid-dinja se ssibu fil-Ġenna! Ifisser li t-teżor tiegħek se jkun Alla nnifsu (is-sema huwa isem ieħor għal Alla, biex ma ssemmix l-isem tiegħu).

**v.22- Imma għal dan il-kliem ir-raġel qarras wiċċu u telaq b'qalbu sewda, għaliex kellu bosta ġid.**

"qarras wiċċu" hija reazzjoni diluted ħafna ħdejn dak li jfisser litterlament il-parteċipju fil-Grieg: "ixxokkja ruħu; tbellah; baqa' b'ħalqu miftuħ".

Ir-raġuni: "għax kellu bosta ġid"!

Ix-xokk tal-għani naqrah minn żewġ perspettivi:

1) PERSPETTIVA LHUDIJA: "il-ġid tahuli Alla bħala approvazzjoni u barka tiegħu fuq għemili u fuq ħajti – kif issa għandi nirrinunzja għalih biex nikber f'komunjoni perfetta miegħu?"
2) PERSPETTIVA TAL-KOMUNITÀ TA' MARK U TAGĦNA: "b'li għandi u kif qed ngħix, ħarist lejja b'ħarsa ta' mħabba, ħarsa ta' predilezzjoni u approvazzjoni. Għaliex irrid niċħad għal dak li għandi biex nikseb komunjoni ogħla ma' Alla?"

**vv.23-27 - Ġesù mbagħad ħares ħarsa madwaru u qal lid-dixxipli tiegħu: "Kemm hi iebsa għall-għonja li jidħlu fis-Saltna ta' Alla! [24] Id-dixxipli stagħġbu għal din il-kelma, imma Ġesù raġa' qalilhom: "Kemm hi iebsa, uliedi, li wieħed jidħol fis-Saltna ta' Alla! [25] Eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra milli wieħed għani jidħol fis-Saltna ta' Alla?" [26] Huma stagħġbu wisq aktar, u bdew jgħidu wieħed lil ieħor: "Mela min jista' jsalva?" [27] Ġesù ħares lejhom u qalilhom: "Għall-bnedmin dan ma jistax ikun, imma għal Alla iva; għax għal Alla kollox jista' jkun."**

L-istagħġib tal-għani jsir l-istagħġib għal din l-isfida-*requirement* tad-dixxipli; u d-dħul diffiċli fis-Saltna għall-għonja jsir id-dħul diffiċli fis-Saltna għal kulħadd.

Il-ġemel kien l-ikbar annimal fi żmien Ġesù, u l-għajn ta' labra l-iżgħar apertura: l-iperboli hija ċara!

Xi studjużi jgħidu li hawn għandna logħob fuq il-ħoss tal-kelma κάμηλος (ġemel) u kelma oħra tixbaħha, κάμιλος, "ċima", ħabel oħxon hija biss konġettura. Anke l-idea li fi żmien Ġesù kien hemm xi bieb baxx imsejjaħ "għajn il-labra".

It-tliet espressjonijiet "*jidħol fis-Saltna ta' Alla*"; "*jikseb il-ħajja ta' dejjem*"; "*isalva*" ifissru l-parteċipazzjoni fil-milja tal-ħajja ta' Alla:

*jidħol fis-Saltna ta' Alla* – l-ambitu tal-ħajja tiegħu

*jikseb il-ħajja ta' dejjem* – il-beni tiegħu

*isalva* – il-periklu

Ġesù jħares lejn id-dixxipli, miblugħin quddiem l-impossibiltà li jidħlu f'din il-komunjoni ma' Alla, bl-istess mod li bih ħares lejn l-għani. Imma jdawwar l-istagħġib tagħhom mill-ġdid lejn Alla, li jista' kollox, għax il-komunjoni hi miegħu: mela lejh inħares għall-għajnuna u għall-komunjoni! "Għal Alla kollox jista' jkun!"

**v.28 - Qabeż Pietru u qallu: "Tajjeb! Aħna ħallejna kollox u ġejna warajk."**

Tant hu hekk, li l-Appostli jaraw huma stess u fihom stess il-possibiltà li jista' jwettaq Alla!

**vv.29-30 - Qallu Ġesù: "Tassew ngħidilkom, li fost dawk kollha li minħabba fija u l-Evanġelju jħallu lil darhom jew lil ħuthom jew lil ommhom jew lil missierhom jew lil uliedhom jew l-għelieqi tagħhom, [30] ma hemm ħadd fosthom li minn issa, f'din id-dinja stess, ma jirċevix, għal mitt darba iktar, djar, aħwa, subjien u bniet, ommijiet, ulied u għelieqi flimkien ma' persekuzzjonijiet, u l-ħajja ta' dejjem fiż-żmien li ġej.**

Ir-rinunzja ta' kollox – għeruq naturali, relazzjonijiet l-aktar intimi, ġid materjali, garanzija tal-futur tagħhom bħalma huma wliedhom, mezzi li jorbtuhom mal-familja u l-poplu tagħhom bħalma huma l-għelieqi = dak li jorbot lill-bniedem fiż-żmien u fl-ispazju; l-identità tal-bniedem bħala esseri uman biss – issir minħabba Ġesù u minħabba l-Evanġelju tiegħu. Mela: mid-dixxipli fi żmien Ġesù nnifsu, imma wkoll minħabba Ġesù kif imxandar fl-Evangelju tiegħu (allura mid-dixxipli ta' kull żmien).

Il-ħlas, jew aħjar il-konsegwenza tal-għażla ta' Ġesù akkost ta' kollox tfisser il-komunjoni merfugħa għal livell li d-dixxiplu ma jistax jimmaġina – anke fil-fatt ta' persekuzzjonijiet li jxebbhu lid-dixxiplu ma' Ġesù (Ġw 15,20), u l-komunjoni ma' Alla fil-ħajja ta' dejjem.

Mk 4,18-19, fil-parabbola taż-żerriegħa, Ġesù jispjega dwar iż-żerrigħat li jinżergħu qalb ix-xewk, li huma dawk li jisimgħu l-kelma, iżda l-inkwiet żejjed għall-ħwejjeġ tad-dinja, ir-rabta

mal-ġid tal-art, u l-ġibda għal ħwejjeġ oħra, jidħlu fihom u joħonqulhom il-kelma, li għalhekk ma tagħmilx frott. Fl-istess parabbola (4,17) wkoll jissemmew ukoll iż-żerrigħat li jaqgħu fuq ħamrija baxxa. Dawn jilqgħuha malajr bil-ferħ imma minħabba l-persekuzzjonijiet u għax ma jkollhomx għeruq fondi, imutu malajr u ma jagħmlux frott.

Mark għandu ħafna f'moħħu l-komunità tiegħu, għaddejja minn persekuzzjoni f'Ruma f'ambjent pagan. U dik il-komunità, ħafna drabi ċediet quddiem il-persekuzzjonijiet. Il-komunjoni personali ma' Ġesù żżommha fuq saqajha.

L-episodju beda kif tinkiseb il-komunjoni ma' Alla għal dejjem. Spiċċa bl-għażla assoluta ta' Alla f'Ġesù fid-dixxipulat.

MEDITATIO

**ATTITUDNI: Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'**

Il-mistoqsija li tmexxina f'din it-tieni tarġa tal-*Lectio Divina* hi:

**X'qiegħed jgħidli/ilna Alla permezz ta' dan it-test?**

[BĦALA INDIVIDWI, GRUPP, PARROĊĊA, DJOĊESI ....]

- Xi jfisser il-primat ta' Alla f'ħajtek?
- Taf b'ċertezza u b'esperjenza personali li r-relazzjoni tiegħek ma' Alla/Ġesù tagħmel xi differenza, tagħmel ħafna differenza, tagħmel id-differenza kollha f'ħajtek, anke f'ħajtek biss bħala bniedem?
- Liema huma r-rabtiet l-aktar qawwija f'ħajtek?

**Sant'Injazju ta' Loyola**

Ilqa', Mulej, u ħu
l-libertà tiegħi kollha,
il-memorja, il-fehma,
u r-rieda kollha tiegħi.

Kull ma għandi, int tajtuli,

u għalhekk jiena nerġa' rroddulek

u nħallih f'idejk

kollu kemm hu

biex tmexxini

skond ir-rieda mqaddsa tiegħek.

Agħtini biss imħabbtek

u l-grazzja tiegħek.

B'dawn biss,

inkun għani biżżejjed

u xejn aktar ma nkun neħtieġ. Amen.